MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 445/2010

**Joseph Pace (ID0361873M)**

**Vs**

**L-Awtorita Ghat-Trasport f'Malta (Transport Malta)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih Joseph Pace, wara li ppremetta:

1. Illi huwa gie notifikat b'ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 57 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta datata 17 ta' Settembru 2010 lili mibghuta riferibbilment ghall-vettura IAJ984.

2. Illi f'din l-ittra ufficjali saret it-talba mill-intimati ghall-hlas ta':

i. L-ammont ta' €591.13 rapprezentanti drittijiet tal-licenzja dovuti mill-1 t'Ottubru, 2002

ii. L-ammont ta’ €688 rapprezentanti multa amministrattiva ta’ €2 ghal kull gurnata li d-dritt tal-licenzja tibqa’ mhux imhallsa li bdiet tiddekorri mill-1 ta’ Ottubru 2009.

iii. L-ammont ta’ €1234.42 rapprezentanti kontravvenzjonijiet mhux imhallsa.

3. Illi din it-talba ghandha tigi respinta minn din l-Onororabbli Qorti bhala ghal kollox illegali u nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4. Primarjament u b’mod preliminari l-mittenti jikkontendi formalment li l-vettura kienet giet scrapped fl-2002 u ghalhekk ma setghet qatt ikollha licenzja vigenti u tintuza fit-triq.

5. Ulterjorment jiddikjara li:

i. L-ammont mitlub ta’ €591.13 rappresentanti drittijiet tal-licenzja dovuti mill-1 t’Ottubru, 2002 hija talba ghal kollox illegali stante illi kwalunkwe licenzja ta’ vettura hija marbuta espressament mal-hlas ta’ polza ta’ assikurazzjoni fuq il-vettura in kwistjoni. Gjaladarba l-assikurazzjoni ma thallsitx allura qatt ma setghet tohrog lincenzja fuq il-vettura in kwistjoni.

ii. L-ammont mitlub ta’ €688 rapprezentanti multa amministrattiva ta’ €2 kuljum li bdiet tiddekorri mill-1 t’Ottubru 2009 hija similment talba illegali minhabba l-istess raguni ta’ nuqqas ta’ polza ta’ Assikurazzjoni. Ulterjorment huwa ghal kollox illegali u abbuziv li tigi kalkolata multa b’mod retroattiv minghajr notifika lill-mittenti.

iii. L-ammont mitlub ta’ €1234.42 hija similment illegali. Ulterjorment gjaladabra l-vettura kienet giet scrapped u ghalhekk ma ntuzatx fit-triq hija necessarja ad validitatem li ssir il-prova skont il-ligi x’kienu dawn il-kontravvenzjonijiet.

6. Ghalhekk ir-rikorrenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara bhala nulla u bla effett it-talba maghmula fl-ittra datata 17 ta’ Settembru, 2010 ghar-ragunijiet fuq esposti.

7. B’riserva ta’ kull dritt iehor spettanti lill-mittenti.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-istess rikors a fol 2 tal-atti.

Rat id-digriet taghha preliminari a fol 4 ibid.

Rat ir-risposta tal-istess Awtorita’ (fol 8 et seq ibid) u li biha esponiet bir-rispett:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.

2. Fil-mertu jinghad li, mill-file mizmum mill-Awtorita intimata, ma jirrizultax li r-rikorrenti nforma lill-Awtorita li din il-vettura giet scrapped kif qieghed jallega issa r-rikorrenti. Lanqas ma jirrizulta li gew ritornati lura l-pjanci ta’ registrazzjoni jew li nghatat il-licenzja jew il-log book relattiv lill-Awtorita sabiex jitnizzlu fuqhom dan il-fatt.

3. Illi jinghad ukoll li mill-file mizmum mill-Awtorita intimata, u f’kaz li r-rikorrenti qieghed jghid li huwa biegh jew ittrasferixxa l-vettura de quo, ma jirrizultax li r-rikorrenti:

a. ta lill-istess Awtorita intimata l-avviz rikjest mill-ligi; u

b. pprezenta l-licenzja sabiex jitnizzlu fuqha l-partikolaritajiet sostanzjali tal-bejgh jew tat-trasferiment.

Konsegwentement la ma hemm xejn minn dan, ir-rikorrenti ghadu meqjus skont il-ligi bhala sid il-vettura u ghalhekk huwa l-persuna responsabbli ghall-ammont rikjest. L-obbligu ta’ dan l-avviz u ta’ l-ghoti tal-licenzja

huwa tar-rikorrenti u ta' hadd izjed (ara ad exemplum art, 26 tal-Kap. 65).

4. Ghar-rigward tal-multa amministrattiva u tal-kontravvenzjonijiet jinghad li dawn l-ammonti gew indikati lir-rikorrenti sabiex huwa jigi mwissi fl-ewwel lok li hemm multa amministrattiva ghaddejja u fit-tieni lok hemm ammont sostanzjali ta' kontravvenzjonijiet mhux imhallsa. Il-multa amministrattiva hija regolata bir-Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u Licenzjar ta' vetturi bil-Mutur (L.S.368.02). L-ittra ufficjali spedita mill-Awtorita intimata lir-rikorrenti saret a tenur tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk ma tistax tinkludi l-multa amministrattiva u l-kontravvenzjonijiet. F'kull kaz, dak li jallega r-rikorrenti fuq dan il-punt ma huwiex minnu, la fattwalment u lanqas legalment.

5. Illi dwar l-allegazzjoni li l-licenzja ta' vettura hija marbuta espressament mal-hlas ta' polza ta' assikurazzjoni u galadarba ma thallsitx l-assikurazzjoni allura qatt ma setghat tohorg licenzja, din ukoll hija inveritjiera. Kieku ghandha mis-sewwa, allura l-pulizija qatt ma jistghu johorgu – kif fil-fatt jaghmlu b'mod regolari – l-akkuzat li persuna saq vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' l-assikurazzjoni.

6. Illi ghalhekk, galadarba ma hemm xejn minn dan kollu, r-rikorrenti ghadu meqjus bhala sid il-vettura u ghalhekk huwa obbligat li jhallas dak dovut minnu skont il-ligi.

Ghaldaqstant, l-Awtorita intimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-lista <u>tax-xhieda</u> annessa mal-istess risposta (fol 10 ibid).

**<u>Ikkunsidrat</u>**

Illi, fil-qasir, il-provi li gew prodotti huma s-segwenti:

a) Brian M. Farrugia (fol 21 et seq ibid) xehed illi, in rigward il-vettura in kwisjtoni, l-ahhar licenzja li kienet thallset kienet wahda sat-30 ta' Settembru, 2002. Inoltre, hu ssottolinea li licenzja ma tistax tinhareg f'kaz li ma jingiebx, l-hemm imsejjah, certifikat ta' assikurazzjoni.

b) Ix-xhud li ghadu kemm gie citat hu l-unika prova prodotta mir-rikorrenti. Dwar dan jidher car mill-verbali a fol 11, fol 14 fol 16 u fol 20, bhala ezempju, illi r-rikorrenti nghata l-opportunita sabiex jixhed hu u jgib xi provi ohra in sostenn ta' dak allegat minnu oltre sabiex jara jekk hux disponibbli sabiex japplika ghal skema mahruga mill-istess Awtorita ghal kazijiet bhal dak in esami.

**Ikkunsidrat**

Illi, fid-dawl u fl-isfond ta' dak premess, dak mitlub mir-rikorrenti ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba in esami bl-ispejjes jithallasu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------